Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8660 — Fortum/Uniper)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 169/06)

1. Fis-7 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Fortum Oyj ("Fortum", il-Finlandja),

— Uniper SE ("Uniper", il-Ġermanja).

Fortum takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll uniku ta' Uniper kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra fis-7 ta' Novembru 2017.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Fortum hija kumpanija tal-enerġija prinċipalment involuta fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u t-tisħin l-aktar fil-pajjiżi Nordiċi, iżda b'operazzjonijiet fi bnadi oħra fl-Ewropa, ir-Russja u l-Indja,

— Uniper hija kumpanija tal-enerġija li tinkludi n-negozju preċedenti tal-utilità tal-enerġija konvenzjonali u n-negozju tal-prodotti ta' E.ON li tħaddem fl-Ewropa u r-Russja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8660 — Fortum/Uniper

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").